MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-25 ta' April, 2011

Numru 545/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Mohamed Adel Otman**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Mohamed Adel Otman ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bin Adel u Karima neè Ibrahim, imwieled Tripoli, Libja, fit-2 ta' Novembru 1987, u residenti "Tunnara" Triq F. Menvil, Swieqi, detentur ta' passaport Libjan bin-Numru 709608, talli f'dawn il-Gzejjer minn gewwa Bar Native li jinsab fi Trejqet Santa Rita, San Giljan, nhar l-24 ta' April 2011 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghodu (05:45hrs) ikkommetta serq ta' *mobile phone* tal-marka Samsung b'valur ta' mija u ghaxar Euro (€110) u kamera digitali tal-marka Panasonic b'valur ta' mija u tletin Euro (€130) ghad-dannu

ta’ Sarah Zerafa liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil-hin;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija kif ukoll il-fatt li huwa irritorna l-oggetti misruqa;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 267 u 270 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fil-fehma tal-Qorti jissussistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mid-data ta’ din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car li jekk huwa jaghmel reat iehor matul il-perijodu ta’ libertà kundizzjonata huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------